MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1048/2011

Jane **GATT**

vs

**AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**; it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar; l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fis-26 ta' April, 2011 fl-atti tal-appell imressaq mill-attriċi fl-ismijiet "*Jane Gatt vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent*

*u l-Ippjanar*" (Appell Nru. 329/04CF) u dan minħabba li l-imsemmi Tribunal ħaddem ħażin il-liġi li tgħodd għall-każ, u kif ukoll billi mexa *ultra vires* is-setgħat tiegħu u billi kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali; u (b) tordna lill-istess Tribunal jagħti deċiżjoni mill-ġdid dwar il-mertu u dan taħt kull provvediment li l-Qorti jidhrilha xieraq. Talbet ukoll l-ispejjeż, filwaqt li żammet sħiħ kull jedd tagħha ieħor ta' azzjoni skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mit-Tribunal imħarrek fit-22 ta' Novembru, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li din il-Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża billi l-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta jrid li ladarba d-deċiżjonijiet mogħtijin mit-Tribunal huma finali, r-reviżjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet hija mogħtija lill-Qorti tal-Appell u mhux lil din il-Qorti, li għalhekk imissha tieqaf milli tkompli tisma' aktar din il-kawża ladarba l-kwestjoni li dwarha tressqet din il-kawża hija kwestjoni dwar punt ta' dritt. Żied jeċċepixxi wkoll li l-membri tiegħu ma jistgħux jitressqu b'xhud tal-attriċi dwar kull ħaġa li saret fil-proċess tal-appell quddiemu. Laqa' wkoll billi qal li l-kawża mibdija mill-attriċi hija *ultra vires*, u li d-deċiżjonijiet tiegħu jridu jkunu msejsa fuq *policies* fis-seħħ fiż-żmien li jingħataw id-deċiżjonijiet tiegħu, u mhux fuq dawk li kienu fis-seħħ meta jkun tressaq l-appell quddiemu. Laqa' wkoll billi qal li l-azzjoni tressqet ħażin għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 41(12) tal-Kap 504, messha saret kontra s-Segretarju tat-Tribunal u mhux kontra t-Tribunal. Żied jgħid li l-attriċi ma kellha l-ebda jedd miksub li tingħata l-permess għall-iżvilupp minnha mitlub, sakemm il-proċess biex jitqies jekk tali permess kellux jintlaqa' kien għadu miexi: aktar u aktar meta, fil-każ tal-attiċi, t-talba tagħha kienet miċħuda darbtejn. Ċaħad li b'xi mod kiser xi prinċipju ta' smigħ xieraq bi ħsara għall-attriċi u saħaq li d-deċiżjoni li l-attriċi qiegħda tattakka kienet skond il-liġi u taqbel mal-każistika tal-Qorti tal-Appell dwar kwestjonijiet bħal dawn. Temm jgħid li jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi kienet waħda ta'

stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni attriċi waqgħet bl-għeluq taż-żmien tas-sitt xhur maħsub fl-imsemmi artikolu u wkoll hija perenta għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) minħabba li l-attriċi naqset li tinqeda b'rimedju mogħti lilha mil-liġi speċjali, minbarra li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A ma jgħoddux għal tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal imħarrek;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Avukat Ġenerali fit-30 ta' Novembru, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qal li (a) tonqos f'din il-Qorti l-kompetenza li tisma' l-kawża billi deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar jistgħu jitħassru jew jinbidlu biss b'appell skond l-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, b'liema rimedju l-attriċi ma nqdietx, u għalhekk id-deċiżjoni attakkata llum saret ġudikat; li (b) huwa mhux il-kontradittur leġittimu ladarba l-każ jikkonċerna biss tħaddim ta' liġijiet, *policies* u regolamenti tal-ippjanar li huwa ma jidħol xejn fihom bis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex iċ-ċaħda tat-talba tal-attriċi għall-ħruġ tal-permessi saret skond il-liġi u l-proċedimenti kollha li taħthom ittieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-talba tal-attriċi tmexxew b'ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u ta' smigħ xieraq. Temm jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija tajba, ġusta, skond il-liġi u ma hemm l-ebda raġuni tajba li tista' twassal għar-reviżjoni tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Awtorita' mħarrka fil-5 ta' Diċembru, 2011, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddux għall-każ minħabba li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(4), l-attriċi kellha rimedju taħt liġi oħra speċjali biex tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell. Laqgħet ukoll billi qalet li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Żiedet tgħid li l-Bord għamel sewwa li, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar jekk kellux jilqa' jew le t-talba tal-attriċi, mexa mal-*policies* li kienu fis-seħħ meta ttieħdet id-deċiżjoni u mhux ma'

dawk li kienu fis-seħħ meta l-attriċi ressqet it-talba. Ċaħdet li t-Tribunal imħarrek mexa kontra l-prinċipji ta' ħaqq naturali meta sema' l-każ tal-attriċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Frar, 2012[1], li bih l-għaref difensur tal-attriċi, b'riferenza għal uħud mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin, iddikjara li l-azzjoni attriċi kienet waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, iżda mhux taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2012, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari dwar jekk hija għandhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża, jekk l-attriċi nqdietx bir-rimedji l-oħrajn li tagħtiha l-liġi u dwar jekk l-azzjoni attriċi saritx f'waqtha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mit-Tribunal imħarrek fil-5 ta' Marzu, 2012[2], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tagħha (u dwar oħrajn ukoll li ma ssemmewx fid-degriet tas-7 ta' Frar, 2012);

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Avukat Ġenerali fil-21 ta' Marzu, 2012[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita' mħarrka fis-26 ta' Marzu, 2012[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fil-5 ta' Ġunju, 2012[5], bi tweġiba għal dawk magħmulin mill-kontro-parti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mit-Tribunal imħarrek fis-26 ta' Ġunju, 2012[6], b'replika għal dik imressqa mill-attriċi;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2012[7], li bih u wara li l-għaref difensur tal-attriċi iddikjara li kien fi ħsiebu

[1] Paġ. 37 tal-proċess
[2] Paġġ. 39 sa 43 tal-proċess
[3] Paġġ. 44 – 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 47 – 8 tal-proċess
[5] Paġġ. 53 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 61 – 6 tal-proċess
[7] Paġ. 71 tal-proċess

jqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" dwar l-allegat ksur tal-jedd tal-partoċinata tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, ordnat lill-attriċi biex tirregola ruħha kif meħtieġ biex tifformalizza t-talba tagħha;

Rat li l-attriċi naqset li tressaq it-talba formali kif lilha ordnat u li, waqt is-smigħ tad-29 ta' Jannar, 2013, l-avukat tagħha iddikjara li hija kienet qiegħda tirrinunzja għat-tqanqil f'dak l-istadju tal-"kwestjoni kostituzzjonali", filwaqt li żżomm sħiħ kull rimedju ieħor mogħti lilha mil-liġi fi stadju ulterjuri f'din il-kawża jew f'xi proċedura oħra[8];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2013, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju minn deċiżjoni ta' tribunal kważi-ġudizzjarju. L-attriċi trid li din il-Qorti tistħarreġ deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li biha ikkonfermat deċiżjoni tal-Awtorita' mħarrka li tiċħad talba tagħha għal żvilupp f'art tagħha fil-Magħtab. Trid li l-Qorti ssib li l-imsemmija deċiżjoni tat-Tribunal kienet milquta minn tħaddim ħażin tal-liġi li tgħodd għall-każ, minn aġir li jmur lil hinn mis-setgħat tal-istess Tribunal u minn ksur tal-prinċipji ta' ħaqq naturali. Trid li din il-Qorti tħassar l-imsemmija deċiżjoni u biex tordna lit-Tribunal jerġa' jiddeċiedi l-każ tagħha mill-ġdid;

Illi għal din l-azzjoni t-Tribunal imħarrek laqa' billi, fost l-oħrajn, qal li din il-Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża billi l-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta jrid li ladarba d-deċiżjonijiet mogħtijin mit-Tribunal

[8] Paġ. 72 tal-proċess

huma finali, r-reviżjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet hija mogħtija lill-Qorti tal-Appell u mhux lil din il-Qorti, li għalhekk imissha tieqaf milli tkompli tisma' aktar din il-kawża ladarba l-kwestjoni li dwarha tressqet din il-kawża hija kwestjoni dwar punt ta' dritt. Żied jeċċepixxi li l-membri tiegħu ma jistgħux jitressqu b'xhud tal-attriċi dwar kull ħaġa li saret fil-proċess tal-appell quddiemu. Laqa' wkoll billi qal li l-kawża mibdija mill-attriċi hija *ultra vires*, u li d-deċiżjonijiet tiegħu jridu jkunu msejsa fuq *policies* fis-seħħ fiż-żmien li jingħataw id-deċiżjonijiet tiegħu, u mhux fuq dawk li kienu fis-seħħ meta jkun tressaq l-appell quddiemu. Laqa' wkoll billi qal li l-azzjoni tressqet ħażin għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 41(12) tal-Kap 504, messha saret kontra s-Segretarju tat-Tribunal u mhux kontra t-Tribunal. Żied jgħid li l-attriċi ma kellha l-ebda jedd miksub li tingħata l-permess għall-iżvilupp minnha mitlub, sakemm il-proċess biex jitqies jekk tali permess kellux jintlaqa' kien għadu miexi: aktar u aktar meta, fil-każ tal-attiċi, t-talba tagħha kienet miċħuda darbtejn. Ċaħad li b'xi mod kiser xi prinċipju ta' smigħ xieraq bi ħsara għall-attriċi u saħaq li d-deċiżjoni li l-attriċi qiegħda tattakka kienet skond il-liġi u taqbel mal-każistika tal-Qorti tal-Appell dwar kwestjonijiet bħal dawn. Temm jgħid li jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi kienet waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni attriċi waqgħet bl-għeluq taż-żmien tas-sitt xhur maħsub fl-imsemmi artikolu u wkoll hija perenta għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) minħabba li l-attriċi naqset li tinqeda b'rimedju mogħti lilha mil-liġi speċjali, minbarra li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A ma jgħoddux għal tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal imħarrek;

Illi l-imħarrek Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qal li (a) tonqos f'din il-Qorti l-kompetenza li tisma' l-kawża billi deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar jistgħu jitħassru jew jinbidlu biss b'appell skond l-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, b'liema rimedju l-attriċi ma nqdietx, u għalhekk id-deċiżjoni attakkata llum saret ġudikat; li (b) huwa mhux il-kontradittur leġittimu ladarba l-każ jikkonċerna biss tħaddim ta' liġijiet, *policies* u regolamenti

tal-ippjanar li huwa ma jidħol xejn fihom bis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex iċ-ċaħda tat-talba tal-attriċi għall-ħruġ tal-permessi saret skond il-liġi u l-proċedimenti kollha li taħthom ittieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-talba tal-attriċi tmexxew b'ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u ta' smigħ xieraq. Temm jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija tajba, ġusta, skond il-liġi u ma hemm l-ebda raġuni tajba li tista' twassal għar-reviżjoni tagħha;

Illi l-Awtorita' mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddux għall-każ minħabba li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(4), l-attriċi kellha rimedju taħt liġi oħra speċjali biex tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell. Laqgħet ukoll billi qalet li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Żiedet tgħid li l-Bord għamel sewwa li, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar jekk kellux jilqa' jew le t-talba tal-attriċi, mexa mal-*policies* li kienu fis-seħħ meta ttieħdet id-deċiżjoni u mhux ma' dawk li kienu fis-seħħ meta l-attriċi ressqet it-talba. Ċaħdet li t-Tribunal imħarrek mexa kontra l-prinċipji ta' ħaqq naturali hu u jisma' l-każ tal-attriċi;

Illi wara li l-attriċi, permezz tal-avukat tagħha, iddikjarat li l-azzjoni tagħha kienet tassew waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, iżda mhux taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ordnat li, f'dan il-waqt tal-kawża, ssir it-trattazzjoni dwar it-tliet eċċezzjonijiet preliminari (mqajmin mit-tliet imħarrkin) dwar jekk (i) din il-Qorti kellhiex is-setgħa li tisma' l-kawża, (ii) dwar jekk kienx il-każ li l-attriċi kellha rimedju ieħor li setgħet tinqeda bih u (iii) dwar iż-żmien li fih kellha tinfetaħ il-kawża;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija tliet eċċezzjonijiet preliminari;

Illi fil-qosor, il-<u>fatti rilevanti</u> li joħorġu mill-atti juru li l-attriċi tgħix fil-Magħtab, fil-limiti tan-Naxxar, u hija reġistrata

bħala *full-time farmer* mad-Dipartiment. F'xi żmien matul Marzu tal-2001, hija ressqet talba għall-għoti ta' permess ta' bini ta' razzett għaliha f'art tagħha biswit ir-raba' li taħdem. It-talba tagħha ma ntlaqgħetx b'deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp, fi ħdan l-Awtorita' mħarrka, f'Settembru tal-2002;

Illi l-attriċi, permezz tal-perit imqabbad minnha, talbet lill-Kummissjoni tirrevedi d-deċiżjoni tagħha. F'Ottubru tal-2004[9], il-Kummissjoni bagħtet tgħarraf lill-attriċi li t-talba tagħha għar-rikonsiderazzjoni ma kenitx intlaqgħet u ikkonfermat id-deċiżjoni li ma jingħatax il-permess għall-iżvilupp mitlub;

Illi l-attriċi ressqet appell quddiem it-Tribunal imħarrek fit-18 ta' Novembru, 2004. Waqt li l-appell kien għadu pendenti, l-Awtorita' mħarrka ressqet żewġ (2) dikjarazzjonijiet dwar l-appell tal-attriċi, fit-13 ta' April tal-2009[10] u fil-5 ta' Lulju, 2010[11] li bihom tat ir-raġunijiet tagħha għaliex kienet qiegħda topponi l-appell tal-attriċi. Fis-26 ta' April, 2011[12], it-tribunal imħarrek ta d-deċiżjoni tiegħu li biha ċaħad l-appell tal-attriċi;

Illi fis-26 ta' Ottubru, 2011, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti tibda <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> billi tgħid li, ladarba l-attriċi għamlitha ċara li l-azzjoni tagħha ma kenitx waħda taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, dan ifisser li safejn l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin jirreferu għal dispożizzjonijiet partikolari tal-imsemmi artikolu, dawk l-eċċezzjonijiet m'humiex tajbin u l-Qorti m'hijiex sejra tistħarriġhom għaliex ma jgħoddux għall-każ. Jidher ukoll li l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni f'din il-Qorti biex tisma' l-każ hija marbuta ħafna mal-eċċezzjoni preliminari l-oħra li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma tismax il-kawża minħabba li l-attriċi kellha rimedju taħt liġi oħra li setgħet tinqeda bih. Fis-sewwa, din it-tieni eċċezzjoni ssib l-għajn tagħha fl-artikolu 469A(4) tal-Kap

[9] Dok "JG1", f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[10] Dok "JG3", f'paġġ. 29 sa 31 tal-proċess
[11] Dok "JG5", f'paġġ. 35 – 6 tal-proċess
[12] Dok "JG2", f'paġġ. 25 – 7 tal-proċess

12 u għalhekk ladarba l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda taħt l-artikolu 469A il-Qorti sejra tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari biss taħt l-aspetti ġenerali tad-dritt. Jeħtieġ li l-Qorti tippreċiża wkoll li t-talbiet tal-attriċi huma lkoll marbuta mad-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal imħarrek fis-26 ta' April, 2011, u mhux mad-deċiżjonijiet meħudin mill-Awtorita' mħarrka qabel dak inhar u li kienu wasslu lill-attriċi biex tappella minnhom quddiem l-imsemmi Tribunal f'Novembru tal-2004;

Illi jixraq li l-ewwel eċċezzjoni li l-Qorti tistħarreġ tkun **l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni**. Din l-eċċezzjoni tressqet formalment mit-Tribunal imħarrek fit-tielet, ir-raba' u l-ħames paragrafi tar-Risposta Maħlufa tiegħu. Tressqet ukoll mill-imħarrek Avukat Ġenerali fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Illi l-imħarrkin jgħidu li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' din il-kawża għaliex ir-rimedju mogħti mil-liġi dwar deċiżjonijiet mogħtijin mit u l-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar huwa dak maħsub fl-artikolu 41(6) tal-Att X tal-2010 (il-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li "*Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal għandha (sic) tkun finali. Appell mill-appellant, jew minn kull partijiet (sic) oħra fl-appell, għandu jkun fil-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili minn dawn id-deċiżjonijiet biss fuq punti ta' liġi deċiżi mit-Tribunal fid-deċiżjoni tagħha (sic). Appell minn deċiżjoni parzjali tat-Tribunal jista' biss jiġi ppreżentat flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali tat-Tribunal. Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandha (sic) tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta d-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi mogħtija fil-pubbliku u dak l-appell għandu ikun regolat mir-regoli tal-qorti magħmula taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*";

Illi l-imħarrkin jgħidu li ladarba l-liġi tagħti dak ir-rimedju ladarba l-ilment tal-attriċi jaqa' sewwasew fil-qafas ta' punt ta' dritt, din il-Qorti ma jifdlilhiex aktar setgħa li tistħarreġ l-ilment tal-attriċi, aktar u aktar meta r-rimedju li tagħtiha l-liġi m'huwiex biss wieħed ta' stħarriġ proċedurali iżda

wieħed li huwa sostantiv tal-mertu. Minbarra dan, ladarba l-attriċi ma nqdietx bir-rimedju li tagħtiha l-liġi, id-deċiżjoni tat-Tribunal saret ġudikat. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tistħarreġ deċiżjoni li jkollha s-saħħa ta' ġudikat taħt id-dehra li qiegħda tagħmel stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni bħal dik. Huma jżidu jgħidu li r-rimedju mogħti fl-artikolu 41(6) tal-Kap 504 huwa dispożizzjoni ta' liġi speċjali li jirbaħ fuq kull dispożizzjoni ta' liġi ġenerali. Fl-aħħarnett, it-Tribunal imħarrek, wara li jagħti rassenja twila ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Maltin tul iż-żmien, jissottometti li l-ġurisdizzjoni ġenerali ta' din il-Qorti li tistħarreġ il-ħidma jew deċiżjonijiet ta' korpi kważi-ġudizzjarji taħt l-artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titwettaq biss jekk kemm-il darba l-liġi ma tagħtix rimedju ieħor, jekk kemm-il darba d-deċiżjoni hijiex finali u biss sabiex tara li d-deċiżjoni attakkata tkunx *ultra vires*, ingħatatx bi ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali u jekk id-diskrezzjoni li tkun intużat kenitx *fair and honest*;

Illi min-naħa tagħha, l-attriċi tisħaq li din il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ l-imġiba u d-deċiżjonijiet ta' tribunali u "entitajiet ġudizzjarji inferjuri" u, wara li hija wkoll semmiet sentenzi tal-Qrati Maltin f'dan is-sens, żiedet tgħid li ladarba l-azzjoni mressqa minnha m'hijiex waħda taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12, il-kwestjoni tal-eżistenza ta' rimedju ieħor mogħti minn xi liġi (li fil-każ ta' azzjoni taħt l-imsemmi artikolu 469A huwa ta' xkiel biex il-kawża tkun tista' titkompla) ma jneħħix is-setgħa ta' din il-Qorti milli tisma' l-każ imressaq quddiemha. B'mod partikolari, hija tgħid li l-fatt li hija setgħet inqdiet bir-rimedju tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal imħarrek għal quddiem il-Qorti tal-Appell, ma jżommhiex milli titlob stħarriġ ta' dik id-deċiżjoni quddiem din il-Qorti għaliex appell m'huwiex l-istess ħaġa bħal stħarriġ ("*review*");

Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tat-Tribunal imħarrek li f'din il-kawża, jekk għandha setgħa li twettaq stħarriġ ġudizzjarju dwar l-ilmenti tal-attriċi, dan tkun qiegħda

tagħmlu bis-saħħa tal-artikolu 32(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta[13];

Illi l-Qorti tqis li meta jitqajmu kwestjonijiet tal-kompetenza tagħha li tisma’ kawża trid toqgħod b’seba’ għajnejn biex la twarrab malajr is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u lanqas twettaq setgħat li l-liġi ma tagħtihiex. Fil-każ li għandha quddiemha, l-ebda waħda mill-partijiet ma tlum il-fatt li din il-Qorti għandha setgħat li tistħarreġ l-egħmil u d-deċiżjonijiet ta’ tribunali kważi-ġudizzjarji bħalma huwa t-Tribunal imħarrek. Għalhekk, m’huwiex il-każ li toqgħod issemmi b’rassenja l-għadd kbir ta’ deċiżjonijiet tal-Qrati li matul il-medda tas-snin tennew dan il-prinċipju;

Illi ma hemmx dubju li r-rimedju xieraq li l-imħarrkin jirreferu għalih u li huma jgħidu li l-attriċi messha nqdiet bih huwa dak tal-appell. Huma jqisu li dak ir-rimedju jneħħi s-setgħa ta’ din il-Qorti li tisma’ u taqta’ l-każ tal-attriċi. Dak li l-partijiet ma jaqblux dwaru hu li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum, ladarba parti mġarrba minn deċiżjoni ta’ tribunal statutorju jingħatalha mil-liġi jedd ta’ appell (imqar jekk dan ikun limitat għal appell fuq punt ta’ dritt) għandhiex ikollha wkoll jedd li titlob qorti tistħarreġ il-legalita’ ta’ deċiżjoni bħal dik. L-attriċi tgħid li hija għandha jedd kemm għar-rimedju tal-appell u kif ukoll għal dak ta’ stħarriġ, u li l-wieħed ma jxejjinx lill-ieħor. L-imħarrkin, għall-kuntrarju, jisħqu li jekk hemm ir-rimedju tal-appell, dan ineħħi r-rimedju li jintalab stħarriġ;

Illi l-kwestjoni m’hijiex waħda faċli jew sempliċi, għaliex bosta drabi r-rimedju mogħti minn liġi dwar deċiżjonijiet ta’ korp statutorju ma jkunx l-istess f’kull każ. Mhux hekk biss, imma ximindaqqiet, il-liġi tagħti jedd ta’ appell wiesgħa filwaqt li f’oħrajn tagħti jedd ta’ appell limitat jew biss f’ċirkostanzi partikolari, bħal fejn appell jista’ jitressaq biss wara d-deċiżjoni aħħarija jew biss bil-permess tat-tribunal li jkun ta d-deċiżjoni. Hija ħaġa xierqa għalhekk li aktar ma jkun limitat il-jedd tal-appell aktar għandha tibqa’ fis-seħħ is-setgħa ta’ din il-Qorti li tistħarreġ l-imġiba u d-

[13] Ara App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq*** u App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers’ Union vs Bank of Valletta p.l.c.,*** fost oħrajn, għal tifsira aktar mirquma ta’ dan il-prinċipju fejn jidħol stħarriġ ġudizzjarju li għalih ma jgħoddx l-artikolu 469A tal-Kap 12

deċiżjonijiet tat-tribunal li jkun. Għalhekk, id-determinazzjoni tal-kwestjoni tiddependi ħafna mill-għamla ta' rimedju li jkun;

Illi b'riferenza għal dan kollu tajjeb jingħad li awturi jgħidu li "*The existence of a statutory right of appeal does not deprive the High Court of its ordinary powers of quashing a tribunal's decision which is ultra vires or erroneous in law. ... Appeal and review are in principle two distinct procedures, appeal being concerned with merits and review being concerned with legality. But in practice an appellant will often wish to raise questions which strictly are questions of legality, such as violation of natural justice or some objection to the tribunal's jurisdiction. It is important that this should be freely allowed, since many cases could not be fully disposed of on appeal*"[14]. Sa hawnhekk, din il-fehma taqbel mas-sottomissjoni magħmula mill-attriċi biex twaqqa' l-eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Illi s-silta li għadha kemm issemmiet u l-prinċipji li tiġbor fiha jridu, madankollu, jitqiesu fil-qafas ta' jekk ir-rimedju tal-appell li jingħata minn deċiżjoni ta' tribunal statutorju jkun tant wiesa' li jiġbor fih ukoll il-possibilita' li l-Qorti li tkun sejra tisma' dak l-appell tista' tqis ukoll ilmenti jew kwestjonijiet marbutin mal-legalita' tad-deċiżjoni appellata. F'dak il-każ, ir-rimedju tal-appell hekk mogħti jaf ixejjen ir-rimedju tal-istħarriġ quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ġenerali;

Illi f'dan ir-rigward huwa mgħallem ukoll mill-awturi li "*One of the most common grounds upon which permission to apply for judicial review is refused is that an applicant has failed to pursue a more appropriate method of pursuing the grievance. For the court to require the alternative procedure to be exhausted prior to resorting to judicial review is in accord with judicial review being very properly regarded as a remedy of last resort. It is important that the process should not be clogged with unnecessary cases which are perfectly capable of being dealt with in another*

[14] Wade & Forsyth *Administrative Law* (9th Edit, 2004), pp. 949 – 950

*tribunal. It can also be the situation that Parliament, by establishing an alternative procedure, indicated either expressly or by implication that it intends that procedure to be used. In exercising its discretion the court will attach importance to the indication of Parliament's intention and the general policy of the CPR to encourage alternative dispute resolution. A third reason for requiring an alternative procedure to be used is that the alternative body may have a special expertise in determining the issues involved. … The applicant will not however be required to resort to some other procedure if that other procedure is less convenient or otherwise less appropriate. The other body may for example lack the power to deal with the issue. The other procedure may be less expeditious and if a matter is urgent the court may allow the application to proceed. Where the alternative procedure is an appeal, this will usually indicate that it is more appropriate, as the powers on the appeal are likely to be at least as extensive as those of the court and the appeal procedure will usually include machinery which ensures that the proper material is available for the purpose of determining the appeal. It is also necessary to distinguish the situation where the existence of a second tier appeal cures a defect in the previous procedures - for example, where a subsequent appeal provides the required degree of fairness which was missing from the original procedure. Here again no question of discretion is involved*"[15];

Illi dan it-tagħlim jista' jitħaddem fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. Kemm hu hekk, f'każ li kellu x'jaqsam ma' lment minn deċiżjoni dwar talba għal żvilupp ta' bini, il-Qorti tal-Appell sabet li "*l-appellant seta' benissimament iressaq il-kawżalijiet kollha li qed iressaq issa f'din il-kawża fl-istess appelli li huwa kien intavola mill-imsemmija żewġ avviżi quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Dan il-Bord kellu l-ġurisdizzjoni li jisma' l-provi dwar l-allegazzjonijiet ta' fatt kontenuti fil-premessi taċ-ċitazzjoni odjerna kif ukoll li jisma' l-argumenti legali relattivi u l-istess bord seta' jiddeċedihom ukoll. Imbagħad l-*

[15] DeSmith, Woolf & Jowell <u>*Principles of Judicial Review*</u> paġġ. 565 – 7

*appellant kien ikollu wkoll dritt ta' appell fuq l-istess kwistjonijiet quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni tal-Bord dwar punti ta' liġi li jkunu ġew deċiżi mill-istess bord jew li l-bord ikun naqas milli jiddeċiedi meta kellu hekk jiddeċidihom. Isegwi minn dak li ntqal sa issa li l-appellant kellu mod ta' kontestazzjoni u kellu l-fakulta` li jikseb rimedju dwar il-lanjanzi li ressaq f'din il-kawża quddiem l-imsemmi Bord li bis-saħħa tal-liġi kellu l-ġurisdizzjoni li jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwarhom*"[16]. F'dak il-każ il-Qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni tal-Awtorita' mħarrka li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma kienx hemm postha;

Illi xieraq jiżdied jingħad li din il-linja ta' ħsieb ittenniet ukoll fejn, minħabba bidliet li kienu seħħew fil-liġi, l-għoti ta' rimedju statutorju tqies li neħħa l-ħtieġa tar-rimedju tal-istħarriġ ġudizzjarju. Kemm hu hekk ingħad li "*bis-saħħa ta' l-iżvilupp leġislattiv bl-introduzzjoni ta' l-Att XXII ta' l-2002*[17]*, fl-istat attwali tal-liġi dak l-istess judicial review għal liema tirrikorri l-appellata ma għadux aktar neċessarju in vista tad-dixxiplina normattiva ġdida li introduċiet id-dritt ta' appell dirett lil din il-Qorti mis-sentenzi tat-Tribunal. Ċertament għandu jkun rikonoxxut illi l-ġurisdizzjoni limitata li kellha fiż-żmien ta' dik is-sentenza*[18] *l-Qorti ordinarja biex tistħarreġ jekk it-Tribunal ikunx mar ultra vires jew kontra r-regoli ta' ġustizzja naturali jew kontra xi liġi miktuba jista' llum, jiġi investigat minn din il-Qorti ta' reviżjoni fl-appell lilha fuq punt ta' liġi, kif fl-Artikolu 82 (3) ta' l-Att preskritt*"[19];

Illi meta wieħed jifli sewwa l-ilmenti kollha tal-attriċi f'din il-kawża u t-talbiet li hija tressaq kontra d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal imħarrek fis-26 ta' April, 2011, wieħed għandu jsib li kull wieħed minnhom kien tassew punt ta' dritt, li jolqot kemm il-mertu tal-każ u kif ukoll il-legalita' tad-deċiżjoni. Meta wieħed jgħaddi biex iqis sewwa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41(6) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed għandu jsib ukoll li l-Qorti tal-

[16] App. Ċiv. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Said vs Chairman Planning Authority et***
[17] Ir-riferenza hija hawnhekk għall-Att tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452)
[18] Ir-riferenza hawnhekk hija għas-sentenza App. Ċiv. **17.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon noe vs Grima*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.293**)
[19] App. Inf. PS **23.5.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Alessandra sive Sandra Theuma vs Alfred Manġion et noe***

Appell għandha s-setgħa li tqis u tistħarreġ kull wieħed minn dawk l-ilmenti. Fiż-żmien li t-Tribunal imħarrek ta d-deċiżjoni attakkata, dak ir-rimedju kien jeżisti. Il-fatt li l-attriċi għażlet jew naqset minkejja fiha li tinqeda b'dak ir-rimedju ma jnaqqas xejn mid-disponibilita' li dak iż-żmien hija kellha tal-istess rimedju. L-eżistenza ta' dak ir-rimedju, bil-possibilitajiet li jagħti lil min jinqeda bih, ineħħi s-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal imħarrek, mhux daqstant għaliex dik id-deċiżjoni hija waħda finali, daqskemm għaliex ir-rimedju alternattiv disponibbli huwa wieħed sħiħ u komprensiv;

Illi, fid-dawl tal-fehma li l-Qorti waslet għaliha, hija tasal biex issib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija mistħoqqa u tajba u sejra tilqagħha. Minħabba f'hekk din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tibqa' tisma' l-kawża;

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, m'huwiex il-każ li tgħaddi biex tqis **it-tielet eċċezzjoni preliminari**, għaliex ladarba l-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' l-kawża fil-mertu, wisq anqas għandha tqis jekk il-kawża tressqitx fiż-żmien jew le. Il-Qorti tillimita ruħha biex tgħid biss li għalkemm l-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jistabilixxi żmien perentorju ta' sitt (6) xhur li fih persuna tista' tressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt dak l-artikolu, ma jidhirx li l-istess żmien ikun jgħodd fejn l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju titressaq taħt l-artikolu 32(2) tal-istess Kodiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin Avukat Ġenerali u Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u ssib li hija ma għandhiex is-setgħa fil-liġi biex tisma' l-kawża mressqa mill-attriċi; u

**Teħles** lill-imħarrkin milli joqogħdu aktar fil-kawża **bi spejjeż għall-attriċi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------